**A.L. 39 ta' l-2004**

## ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT NRU. V TA' L-2003)

### Ordni ta' l-2004 dwar Votanti ta' l-Unjoni Ewropea fl-Elezzjonijiet Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar Votanti ta' l-Unjoni Ewropea fl-Elezzjonijiet Lokali. Titolu.

**2.** (1) Dan l-Ordni jagħti effett lid-Direttiva tal-Kunsill 94/80 EC tad-19 ta' Diċembru, 1994, li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt li għandhom ċittadini ta' l-Unjoni li jkunu residenti fi Stat Membru li ma jkunux nazzjonali tiegħu, li jivvotaw u joħorġu bħala kandidati f'elezzjonijiet muniċipali. Għan u Skop ta' l-Ordni.

(2) Dan l-Ordni għandu japplika għar-rigward ta' elezzjonijiet taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali li jsiru wara l-1 ta' Mejju, 2004.

**3.** Il-Kummissjoni Elettorali għandha wkoll tippubblika l-Lista Elettorali Ewropea li għandu jkun fiha l-lista tal-persuni kollha li jkunu nazzjonali ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u li jkunu residenti f'Malta u li isimhom ma jkunx jidher fir-Reġistru Elettorali pubblikat skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jew fir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea li jinżamm skond l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u li skond l-artiklu 5 ta' dan l-Ordni jkollhom jedd jivvotaw f'elezzjonijiet għal kunsilli lokali fil-lokalità tagħhom. Lista Elettorali Ewropea. Kap. 354. Att XV1 ta' l-2003.

**4.** Il-Lista Elettorali Ewropea għandha għall-finijiet ta' l-artikolu 5(2) u ta' kull disposizzjoni oħra ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Ordni, titqies bħala parti integrali mir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea, miżmum taħt l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u, bla ħsara għal kif hawn qabel imsemmi, id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, kif japplikaw għar-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ikunu wkoll japplikaw għalihom. Il-Lista Elettorali Ewropea għandha tkun tagħmel parti mir-Reġistru Elettorali Ewropew. Kap . 363.

Persuni li jkollhom jedd jiġu reġistrati fil-Lista Elettorali Ewropea.
Kap . 258.

**5.** Għall-finijiet ta' l-artiklu 3 ta' dan l-Ordni persuna jkollha jedd li isimha jitniżżel fil-Lista Elettorali Ewropea jekk:

(a) tkun nazzjonali ta' Stat Membru u li isimha ma jkunx jidher fir-Reġistru Elettorali miżmum skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali jew ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea miżmum skond l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew; u

(b) tkun mitluba li jkollha u fil-fatt ikollha karta ta' l-identità skond l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità; u

(ċ) twettaq il-ħtiġiet elenkati fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' l-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni:

Iżda għall-fini ta' dan il-paragrafu residenza fi Stat Membru titqies bħala residenza f'Malta; u

(d) ma tkunx persuna li tinkwadra fid-deskrizzjoni li hemm fil-paragrafi (a) jew (b) jew (ċ) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Reġistrazzjoni fil-Lista Elettorali Ewropea.

**6.** (1) Kull persuna kwalifikata li tkun reġistrata fil-Lista Elettorali Ewropea tista' tapplika sabiex tiġi reġistrata għand il-Kummissjoni Elettorali fuq dik il-formola li l-imsemmija Kummissjoni tista' minn żmien għal żmien tipprovdi għal dak l-għan.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu, il-Kummissjoni Elettorali għandha tniżżel isem kull persuna li tkun hekk kwalifikata fil-Lista Elettorali Ewropea kemm jekk tkun u kemm jekk ma tkunx saret applikazzjoni kif imsemmi f'dak is-subartiklu.

**L.N. 39 of 2004**

## EUROPEAN UNION ACT, 2003
## (ACT NO. V OF 2003)

### Local Elections (European Union Voters) Order, 2004

BY virtue of the powers conferred by article 4 of the European Union Act, 2003, the Prime Minister has made the following Order:-

Citation.

**1.** The title of this Order is the Local Elections (European Union Voters) Order, 2004.

Purpose and Scope of Order.

**2.** (1) This Order gives effect to Council Directive 94/80 EC of the 19th December, 1994, laying down detailed arrangements for the exercise of the right to vote and to stand as a candidate in municipal elections by citizens of the Union residing in a Member State of which they are not nationals.

(2) This Order shall apply with respect to elections under the Local Councils Act held after the 1st May, 2004.

European Electoral List.
Cap. 354.
Act XVI of 2003.

**3.** The Electoral Commission shall also publish the European Electoral List which shall contain the list of all persons who are nationals of a Member State of the European Union who are resident in Malta and whose name does not appear in the Electoral Register published in accordance with the General Elections Act or in the European Union Electoral Register kept in accordance with the European Parliament Elections Act, 2003, and who in accordance with article 5 of this Order are entitled to vote in elections for local councils in their locality.

European Electoral List to form part of European Electoral Register.
Cap. 363.

**4.** The European Electoral List shall for the purposes of article 5(2) and of any other provision of the Local Councils Act and subject to the provisions of this Order, be deemed to be an integral part of the European Union Electoral Register, kept under the European Parliament Elections Act, 2003, and, subject as aforesaid, the provisions of the said European Parliament Elections Act, 2003, applicable to the European Union Electoral Register shall apply thereto.

Persons entitled to be registered in European Electoral List.
Cap. 258.

**5.** For the purposes of article 3 of this Order a person shall be entitled to have his name entered in the European Electoral List if:

(a) he is a national of a member state whose name does not appear in the Electoral Register kept in accordance with the General

Elections Act or the European Union Electoral Register kept in accordance with the European Parliament Elections Act, 2003; and

(b) he is requested to be and is in possession of an identity card in accordance with the Identity Card Act; and

(c) he fulfills the requirements listed in paragraphs (b) and (c) of article 57 of the Constitution:

Provided that for the purpose of this paragraph residence in any Member State shall be deemed to be residence in Malta; and

(d) he is not a person falling under the description in paragraphs (a) or (b) or (c) of article 12 of the European Parliament Elections Act, 2003.

Registration in the European Electoral List.

**6.** (1) Any person qualified to be registered in the European Electoral List may apply for registration to the Electoral Commission in such form as the said Commission may from time to time provide for the purpose.

(2) Notwithstanding the provisions of sub-article (1) hereof, the Electoral Commission shall enter the name of any person so qualified in the European Electoral List whether or not an application as therein referred to has been made.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8ċ – *Price 8c*